MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 1875/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Anthony Cuschieri abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Anthony Cuschieri**

**Vs**

**Jeremy Galea u b'digriet tas-6 t'April, 2006 gie nominat Dr Leslie Cuschieri Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta l-assenti**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li bih talbet l-ammont ta' erba' mija u hamsin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm450.10c) li jirrapprezentaw id-danni kollha soferti mill-

attur Anthony Cuschieri assigurat tas-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe u li ghalihom ghamlet tajjeb, dovuti kwantu ghall-ammont ta’ erba’ mija u wiehed u tlettin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm431.10c) lis-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited u in kwantu ghall-ammont ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) lill-istess Anthony Cuschieri in linea ta’ *excess payment* bhala rizultat ta’ incident awtomobilistiku li sehh fid-9 ta’ Mejju, 2004 ghall-habta tal-9.45p.m gewwa Triq Dun Karm, B’Kara bejn il-vettura proprjeta’ ta’ l-attur Anthony Cuschieri bin-numru ta’ registrazzjoni KBF 125 u l-vettura misjuqa mill-konvenut Jeremy Galea bin-numru ta’ registrazzjoni AAD 978, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li eccepixxa li t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li l-incident sehh unikament minhabba responsabbilta’ ta’ certu Christopher Cuschieri b’rizultat ta’ traskuragni, negligenza u imperizja fis-sewqan tieghu.

Illi l-konvenut effettivament ukoll intavola proceduri ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni kontra l-imsemmi Christopher Cuschieri u talab ukoll sabiex dawk il-proceduri jitmexxew kontestwalment mal-prezenti.

Ra li giet ipprezentata Risposta ohra tal-konvenut li eccepixxa li t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-eccipjenti m’huwiex responsabbli ghall-incident. Anzi mhux talli l-konvenut ma kienx responsabbli ghall-incident izda spicca qala’ xebgha u gie mwegga’ mis-sewwieq tal-vettura proprjeta’ ta’ l-attur u cjoe’ Christopher Cauchi li dan ta’ l-ahhar, wara li sfoga mal-konvenut qabad u telaq minn fuq il-post ta’ l-incident.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni pretizi jridu jigu ppruvati.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Illi b'digriet tas-6 t'April, 2006 dan it-Tribunal innomina lil Dr Leslie Cuschieri bhala Kuratur ta' l-assenti Jeremy Galea u cjoe' l-konvenut.

Ra r-Risposta tal-Kuratur Dr Leslie Cuschieri ghan-nom tal-konvenut assenti  li eccepixxa in sostituzzjoni tar-Risposti l-ohra tal-konvenut li b'digriet tas-6 t'April, 2006 kien gie nominat bhala Kuratur biex jirrapprezenta lill-assenti Jeremy Galea.

Huwa eccepixxa wkoll illi huwa m'ghandu l-ebda mezz kif jikkomunika ma' din il-persuna u ghalhekk filwaqt li jitlob lill-kontro-parti tghaddilu kull informazzjoni dwar kif jista' jikkomunika ma' din il-persuna rriserva li jirrispondi u jeccepixxi ulterjorment fi stadju ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' PS 1122 Arthur Rizzo li jghid li fid-9 ta' Mejju, 2004 kien gie msejjah fi Triq Dun Karm, B'Kara peress li kienu gew infurmati li kien sehh incident ghal habta tal-9.45p.m bejn il-vettura AAD 978 u KBF 1l5. Kien gie rraportat ukoll li kienet sehhet glieda u meta nizel fuq il-post sar jaf li l-glieda sehhet minhabba l-incident.

Ix-xhud jispjega illi meta nizel fuq il-post sab lil Jeremy Galea li kien qed isuq il-vettura AAD 978 u qallu li wara li sehh l-incident kien ghamel ghalih is-sewwieq tal-vettura l-ohra u saq minn fuq il-post.  Kien wara li x-xhud tkellem ma' Chris Cuschieri li qallu li kien Galea li kien ser jaghmel ghalih u li kien ghalhekk li telaq minn fuq il-post.

Ix-xhud ikompli jispjega illi z-zewg sewwieqa kkonfermaw illi kienu sejrin fid-direzzjoni ta' Hal Balzan izda hu kien sab il-vettura AAD 978 fuq is-*central strip*.

Xehed ukoll illi l-ghada ta' l-incident kien dahal rapport li missier Cuschieri kien qed isuq vettura u kienu dahlu fuqu.  Fuq dan hemm proceduri kriminali fuq rapport falz u x-xhud esebixxa zewg okkorenzi fuq dawn il-proceduri – Dok. AR1 u Dok. AR2.

Ra x-xhieda ta’ Christopher Cuschieri li jghid li fid-9 ta’ Mejju, 2004, waqt li kien qed isuq il-vettura KBF 125 Honda CRX, il-Bypass ta’ Dun Karm, sejjer lejn Hal Lija fid-9.30p.m hu kien jinstab fuq il-karreggjata ta’ barra mas-*central strip* biex idur mar-roundabout li taghti ghan-naha ta’ wara ta’ Santa Liena, meta Peugeout 306 li kienet fuq ix-xellug tieghu, telghet minn mieghu bi *speed* eccessiv biex jidhol mar-*roundabout*, gie quddiem ix-xhud u dan baqa’ diehel go fih.

Bhala hsarat, ix-xhud jghid li hu kellu hsara fuq quddiem, filwaqt li l-vettura l-ohra garbet hsara fuq il-lemin fuq wara. Jghid li meta sehh l-incident kienu f’nofs ir-*roundabout*.

Ix-xhud jikkonferma li hu ghandu polza ta’ assigurazzjoni *“fully comprehensive”*, u ghalhekk l-*insurance* kienu hallsu kollu. Jghid li kellu l-*loss of use* u kien hallas l-*excess* ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25).

Ix-xhud jispjega illi kien telaq mill-post ta’ l-incident minhabba li s-sewwieq tal-vettura kien aggressiv. Jghid li l-ghada kien mar jaghmel rapport u jikkonferma li l-vettura kienet f’isem missieru.

Ix-xhud ikompli jghid li hu kien ra lill-vettura l-ohra tikser ghal fuq ir-*roundabout* qabel ma sehh l-incident, izda ma setax jevitah. Ma’ l-impatt jispjega illi l-vettura l-ohra li kienet spiccat quddiemu, kienet daret fuq il-lemin qisha “T” u spiccat f’pozizzjoni trasversali u hu f’pozizzjoni perpendikolari. Il-vettura l-ohra spiccat bejn ir-*roundabout* u s-*central strip*.

Ra wkoll ix-xhieda migbura fil-kawza fl-ismijiet **Jeremy Galea Vs Christopher Cuschieri (Avviz Numru 2018/04GMA)** li kienet qed tinstema’ flimkien ma’ din il-kawza billi z-zewg kawzi jittrattaw l-istess mertu u cjoe’ l-istess incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Peress illi f'dan il-kaz m'hemmx skizz sabiex jiggwida lit-Tribunal bil-pozizzjoni tal-vetturi ma' l-impatt, it-Tribunal ser ikollu jillimita ruhu ghall-provi li ngabu quddiemu.

Mill-fatti jista' jigi kkonfermat li l-incident sehh mar-*roundabout* imsemmija meta z-zewg partijiet kienu sejrin fid-direzzjoni ta' Hal Balzan.

Il-konvenut jenfasizza l-fatt li l-incident spicca b'mod vjolenti u hu safa' vittma ta' griehi ta' natura hafifa u dan gie sodisfacentement ippruvat minnu. It-Tribunal minn ezami tal-fatt jikkonkludi li l-incident wassal lill-assigurat tas-socjeta' attrici sabiex ikun vjolenti mas-sewwieq l-iehor. Deplorabbli kemm jista' jkun, pero', dan il-komportament m'ghandux jincidi fuq l-aspett tar-responsabbilta' o meno tal-partijiet ghall-incident.

Il-verzjonijiet tal-partijiet huma ghal kollox kontrastanti. Jaqblu pero' li l-impatt sehh mar-*roundabout*. Fin-nuqqas ta' skizz, peress li Christopher Cuschieri kien telaq minn fuq il-post, it-Tribunal jista' biss jipprova jara x'seta' gara u dan billi jaghmel apprezzament tal-provi, partikolarment mix-xhieda ta' l-assigurat u dan in sintesi mar-rapport tal-pulizija u l-identifikazzjoni tal-hsarat.

Il-konvenut bl-ebda mod ma tah xi dettalji f'liema karreggjata kien jinstab qabel ma qabad ir-*roundabout*. Lanqas ma jaghti hjiel f'liema pozizzjoni spiccaw iz-zewg vetturi ma' l-impatt. Indikazzjoni pero', nghatat mill-assigurat Cuschieri, li fl-ebda mod ma giet kontradetta mill-konvenut. Jghid li l-konvenut kien gej min-naha ta' barra tas-*central strip* qabel ma qabad ir-*roundabout* u ghalhekk kien jinstab fuq in-naha tax-xellug ta' l-assigurat. Cuschieri jaccenna ghall-fatt li kien ra l-vettura tal-konvenut gejja mar-*roundabout*, izda kien impossibbli ghalih li jevitah. Qal ukoll li ma' l-impatt il-konvenut kien spicca dar u gie f'pozizzjoni trasversali filwaqt li hu spicca f'pozizzjoni perpendikolari.
It-Tribunal josserva, li l-konvenut ma gab l-ebda prova biex jindika l-kuntrarju ta' dak li xehed Cuschieri. Inoltre, mill-hsarat li gew indikati kemm fir-rapport tal-pulizja, kif ukoll is-*survey reports*, kif ukoll ir-ritratti esebiti, u cjoe' li l-

vettura ta' l-assigurat kellha hsara quddiem fuq ix-xellug, filwaqt li l-konvenut kellu l-hsara fuq wara, fuq il-lemin, precizament fuq il-*bumper* u l-*mudguard*, jaghtu aktar konsistenza lix-xhieda ta' Cuschieri milli dik tal-konvenut.

Ma jezistux provi ohra li talvolta jistghu jindikaw li ghall-kollizjoni de quo seta' kien responsabbli l-assigurat tas-socjeta' attrici.

Dwar il-kontestazzjoni tad-danni, l-konvenut eccepixxa li dawn ghandhom jigu ppruvati. It-Tribunal josserva, li mid-dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici jirrizultaw dawn id-danni li gew ikkonfermati minghajr prova kuntrarja. It-Tribunal ghalhekk jikkonkludi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici bhala sufficjentement ippruvat.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici, filwaqt li jirrespingi dawk tal-konvenut, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm450.10c) oltre l-ispejjez u l-imghax, kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------